IL-KUMMISSJONI EWROPEA
L-AĠENZIJA EŻEKUTTIVA GĦALL-INNOVAZZJONI U N-NETWORKS

# Rapport tal-installazzjoni tal-WiFi4EU

## - *Gwida ta' Implimentazzjoni -*

## *V1.4*

**Kontenut**


ĦARSA ĠENERALI......2
IL-PASSI......2
KODIFIKAZZJONI U SOTTOMISSJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI......3
***KODIFIKAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI......3***
***PROĊEDURA......3***
***SOTTOMISSJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI......11***
APPROVAZZJONI MILL-MUNIĊIPALITÀ TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI – TALBA GĦAL REVIŻJONI......12
***APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI......12***
***TALBA GĦAL REVIŻJONI......13***
BIDLIET FIR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI......15

## ĦARSA ĠENERALI

Din il-gwida tiddeskrivi l-passi li Kumpanija tal-installazzjoni tal-Wi-Fi (WIC) għandha ssegwi biex tikkodifika u tissottometti r-rapport tal-installazzjoni. Meta tippreżenta r-rapport tal-installazzjoni, il-WIC tkun qed tiddikjara li l-installazzjoni hi lesta u konformi mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness I tal-Ftehim tal-Għotja tal-WiFi4EU.

Ir-rapport tal-installazzjoni fih l-informazzjoni teknika kollha dwar in-network(s) tal-WiFi4EU u kull Punt ta' Aċċess. Dan jiġi kkodifikat mill-WIC fil-Portal WiFi4EU u approvat mill-muniċipalità/benefiċjarju tal-vawċer tal-WiFi4EU. Is-sottomissjoni u l-approvazzjoni tar-rapport tal-installazzjoni huwa wieħed mill-prerekwiżiti għall-pagament tal-vawċer.

## IL-PASSI

1. Il-WIC tissottometti r-rapport tal-installazzjoni fil-Portal WiFi4EU u l-muniċipalità tiġi nnotifikata permezz ta' email li r-rapport tal-installazzjoni huwa lest għall-approvazzjoni tal-muniċipalità permezz tal-Portal WiFi4EU.
2. Il-muniċipalità tivvalida r-rapport tal-installazzjoni fil-Portal, u għalhekk tikkonferma li kull Punt ta' Aċċess kodifikat jeżisti tassew u tqiegħed skont il-koordinati tal-GPS indikati.
3. Wara l-approvazzjoni tar-rapport tal-installazzjoni min-naħa tal-muniċipalità, l-INEA għandha sa sittin jum biex:
   - Tiżgura li l-installazzjoni hi konformi mal-Artikolu 4.2 tal-Ftehim ta' Għotja (jiġifieri, li hemm network li qed jaħdem u li qed juri l-logo tal-WiFi4EU, eċċ.);
   - Twettaq il-ħlas. F'każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-Ftehim tal-Għotja, it-talba għall-ħlas tiġi sospiża sakemm tiġi żgurata konformità sħiħa.



# KODIFIKAZZJONI U SOTTOMISSJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI

## KODIFIKAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI

Ir-rapport tal-installazzjoni fih l-informazzjoni teknika kollha dwar in-network(s) tal-WiFi4EU u kull Punt ta' Aċċess. Network wieħed iddikjarat jista' jospita l-Punti ta' Aċċess kollha, irrispettivament mill-fornitur tas-servizz tal-internet jew mill-indirizz tal-IP tal-Punt ta' Aċċess.

Għalkemm WIC tista' tagħżel li tintroduċi diversi networks u taqsam l-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess bejn networks differenti, huwa rrakkomandat ħafna li WIC tintroduċi kemm jista' jkun ftit networks għar-raġunijiet li ġejjin:

a) In-networks li jinkludu għadd żgħir ta' Punti ta' Aċċess huma suxxettibbli li jaqbdu biss għadd żgħir ħafna ta' konnessjonijiet fil-ġimgħa, u b'hekk jiskattaw notifiki ta' twissija awtomatiċi mis-sistema ta' monitoraġġ mill-bogħod tal-WiFi4EU.

b) Kull network tal-WiFi4EU li jiġi introdott irid jiġi konness ma' captive portal differenti u dan iżid l-ispejjeż ġenerali tal-operat u l-manutenzjoni.

Madankollu, jista' jkun utli għal muniċipalità li tintroduċi diversi networks (jiġifieri, li taqsam l-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess bejn diversi networks) jekk tqis li huwa essenzjali li s-servizzi diġitali fit-territorji jiġu promossi f'"landing pages" separati (captive portal). Pereżempju, muniċipalità jista' jkollha network wieħed b'Punti ta' Aċċess li jinsabu fil-bini tal-Kunsill Lokali tagħha/binjiet pubbliċi oħra li joffru servizzi ta' Gvern elettroniku liċ-ċittadini lokali, kif ukoll network ieħor b'Punti ta' Aċċess li jinsabu fl-uffiċċju turistiku/siti kulturali tagħha, immirati għal viżitaturi esterni.

## PROĊEDURA

Il-WIC jikkodifika d-*data* tan-network fit-tab "L-installazzjoni tiegħi" tal-Portal WiFi4EU.

Ladarba l-IBAN ikun assoċjat mal-muniċipalità, il-buttuna "Rapport tal-installazzjoni" issir disponibbli. Ikklikkja fuq il-buttuna "Rapport tal-installazzjoni" u oħloq network ġdid:



B’mod awtomatiku, agħżel l-għażla “Konfigurazzjoni skont il-Ftehim tal-Għotja”. Agħżel il-“Konfigurazzjoni skont il-Ftehim Amministrattiv ma’ # ITALIA” **biss** jekk in-network diġà jopera b’SSID “wifi.italia.it”, li hu rregolat bi ftehim separat:




Jekk tagħżel il-“Konfigurazzjoni skont il-Ftehim Amministrattiv ma’ # ITALIA”, tista’ tistabbilixxi u tikkodifika network tal-Wi-Fi wieħed biss fil-portal u l-Punti ta’ Aċċess kollha jridu jkunu konnessi ma’ dan in-network:




Ikklikkja “Żid in-network WiFi4EU”:



Imla l-informazzjoni obbligatorja:




Ikkodifika l-URL tal-isplash page tal-WiFi4EU fil-qasam "URL tal-captive portal". Innota li dan jirreferi għas-sit web fejn ikun jinsab il-captive portal, u MHUX għas-sit web fejn jiġi ridirezzjonat l-utent wara li jilloggja:




Il-URL tal-captive portal jippermetti ismijiet tad-dominju klassiċi (mhux IDN), li jista' jkun fihom biss il-karattri li ġejjin:

- L-ittri "a-z"
- Iċ-ċifri 0 sa 9
- Is-sing (-)
- Iż-żewġ punti (:)
- Il-punt (.)
- Il-linja djagonali (/)

Il-URL ma jistax jibda jew jispiċċa bis-sing, iż-żewġ punti, il-punt jew il-linja djagonali. Il-limitu massimu għall-URL huwa ta' 255 karattru.

Fil-qasam "Indirizz tal-IP / Firxa", ikkodifika l-indirizz tal-IP jew il-firxa tal-indirizz tal-IP tal-captive portal tas-sit tal-installazzjoni. Ma hemm l-ebda limitazzjoni fuq id-dimensjonijiet tal-firxa tal-IP. Il-firxa tal-IPs fil-

Portal WiFi4EU għandha tiġi kkodifikata fin-notazzjoni tas-CIDR (Classless Inter-Domain Routing).

Wara ż-żieda ta' network ġdid tal-WiFi4EU, il-WIC għandha l-għażla li tara d-dettalji tan-Network (permezz tal-buttuna "Ara") jew tikklikkja "Mur fuq il-lista" biex iżżid il-Punti ta' Aċċess korrispondenti fin-network:




Ikklikkja fuq il-buttuna "Ara" biex issib l-Identifikatur Uniku Universali (UUID) tan-network. Uża l-UUID tan-network biex tagħmel parametrizzazzjoni tal-JavaScript (snippet) tal-captive portal:



Ikklikkja “Mur fuq il-lista”:




Il-paġna “Lista ta’ Punti ta’ Aċċess” tintuża biex turi l-Punti ta’ Aċċess kollha maħluqa fi ħdan in-network WiFi4EU:



Ikklikkja “Żid punt ta’ aċċess” biex tikkodifika kull Punt ta’ Aċċess:




Meta jiżdied Punt ta’ Aċċess ġdid man-Network WiFi4EU, għandhom jiġu inklużi d-dettalji li ġejjin għall-punt, kif indikat hawn fuq:

a) Tip ta' post;
b) Isem tal-post;
c) Latitudni u lonġitudni tal-ġeolokalizzazzjoni;
d) Tip ta’ mudell;
e) Ditta u mudell;
f) Mudell tal-apparat;
g) Serje tal-apparat;
h) Indirizz MAC 2.4 GHz;
i) Indirizz MAC 5.0 GHz;

L-indirizzi MAC għal 2.4GHz u 5GHz għandhom ikunu differenti. L-indirizz MAC li jidher fuq il-Punt ta’ Aċċess jista’ jkun l-uniku wieħed (jiġifieri l-indirizz tal-interface primarja), iżda fir-realtà l-Punt ta’ Aċċess għandu diversi indirizzi MAC, li jikkorrispondu għal kull interface tan-network. Jekk jogħġbok staqsi lill-bejjiegħ tiegħek għad-dettalji li ġejjin:






Ikkodifika l-Punti ta' Aċċess kollha tan-network:



Back

Access point list

This page is used to list all the access points of one WiFi4EU network of the beneficiary that you have selected. Please add the corresponding access points once their installation has been completed.

Beneficiary: **Vieste**
WiFi4EU network: **Municipality Name Wifi4EU**

List of all access points of the **Municipality Name Wifi4EU** of **Vieste** + Add access point

| Number | Location type | Location name | Geo location | Device type | Device brand | Device model | Device serial | MAC address 2.4GHz | MAC address 5.0GHz | Details |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Town Hall / Administrative building | Town Hall | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 2 | Health Centre / Hospital | Health Centre | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 3 | Square | Square | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 4 | Park | Park | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 5 | Street / Pedestrian street | Street | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |

1 2 5



Back

Access point list

This page is used to list all the access points of one WiFi4EU network of the beneficiary that you have selected. Please add the corresponding access points once their installation has been completed.

Beneficiary: **Vieste**
WiFi4EU network: **Municipality Name Wifi4EU**

List of all access points of the **Municipality Name Wifi4EU** of **Vieste** + Add access point

| Number | Location type | Location name | Geo location | Device type | Device brand | Device model | Device serial | MAC address 2.4GHz | MAC address 5.0GHz | Details |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Tramway or Bus Station / Stop | Stop | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 7 | Metro Station | Metro Station | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 8 | Library | Library | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 9 | School / Education or Research Centre / University | School | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |
| 10 | Shopping Mall | Shopping Mall | 41.457568, 51.789378 | Outdoor | Device | Device | Device | 00:1B:44:11:3A:B7 | 00:1B:44:11:3A:B8 | View |

1 2 5

L-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess, kif indikat ukoll fit-Taqsima 6.2.2 tas-sejħa u l-punt 1.2 tal-Anness 1 tal-Ftehim ta' Għotja, hu dan:

| *L-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess fuq barra* | *L-għadd minimu ta' Punti ta' Aċċess fuq ġewwa* |
|---|---|
| 10 | 0 |
| 9 | 2 |
| 8 | 3 |
| 7 | 5 |
| 6 | 6 |
| 5 | 8 |
| 4 | 9 |
| 3 | 11 |
| 2 | 12 |
| 1 | 14 |
| 0 | 15 |




Jekk in-numru u t-tip ta' Punti ta' Aċċess ma jkunux biżżejjed, installa u kkodifika Punti ta' Aċċess addizzjonali.

**SOTTOMISSJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI**

Ladarba jiġi kkodifikat in-numru minimu ta' Punti ta' Aċċess, il-buttuna "Issottometti Rapport ta' Installazzjoni" issir attiva. Meta tikklikkja l-buttuna "Issottometti Rapport ta' Installazzjoni", il-WIC tikkonferma li n-networks kollha tal-WiFi4EU għall-muniċipalità partikolari huma lesti u konformi mar-rekwiżiti tekniċi speċifikati fil-Ftehim tal-Għotja:




Wara li WIC tkun intgħażlet minn muniċipalità, trid tikkodifika (fit-taqsima "Kont bankarju" tal-paġna "Ir-reġistrazzjoni tiegħi" tal-Portal WiFi4EU) l-informazzjoni tal-bank għall-kont li fih għandu jsir il-pagament. Id-dokumenti ġustifikattivi xierqa għandhom jittellgħu wkoll.

Ladarba jiġu kodifikati, kemm l-informazzjoni tal-bank kif ukoll id-dokumenti ġustifikattivi jiġu vvalidati permezz ta' bosta verifiki mis-servizzi tal-Kummissjoni. Imbagħad malli l-kontrolli kollha jitlestew b'mod sodisfaċenti, il-WIC tiġi notifikata b'email dwar is-suċċess tal-validazzjoni.

Jekk ikun hemm bżonn xi informazzjoni oħra biex jitlesta l-proċess ta' validazzjoni, il-WIC tiġi kkuntattjata b'email kif xieraq. Il-WIC tista' ssegwi dan l-istatus minn fuq il-paġna "Ir-reġistrazzjoni tiegħi" tal-Portal.

Jekk l-informazzjoni tal-kont tal-bank tal-WIC ma tiġix ivvalidata (kif deskritt hawn fuq), il-WIC ma tkunx tista' tissottometti r-rapport tal-installazzjoni. Se tidher notifika meta r-rapport tal-installazzjoni jkun qed jiġi sottomess u l-proċedura ma titkompliex u r-rapport ma jintbagħatx lill-muniċipalità:




Ladarba l-WIC tissottometti r-rapport tal-installazzjoni, il-Portal WiFi4EU jinnotifika awtomatikament lill-muniċipalità bl-email u jistedinha tivverifika l-informazzjoni li niżżlet fir-rapport il-WIC u tikkonferma li l-installazzjoni hi lesta u konformi mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti fl-Anness I tal-Ftehim tal-Għotja.

# APPROVAZZJONI MILL-MUNIĊIPALITÀ TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI – TALBA GĦAL REVIŻJONI

## APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI

Ladarba r-rapport tal-installazzjoni jiġi vvalidat mill-muniċipalità, dan ma jkunx jista' jiġi editjat u ma jkunx jista' jiġi modifikat.

Ir-rapport tal-installazzjoni vvalidat imbagħad jitqiegħed għad-dispożizzjoni tat-tim tal-WiFi4EU, li jibda l-verifiki tal-kontroll tal-konformità. Jekk dan l-aħħar pass ikun tajjeb, il-Kummissjoni tħallas il-vawċer fi żmien 60 jum. Jekk le, il-muniċipalità se tirċievi notifika li tindika d-diversi problemi tekniċi possibbli bin-network(s) tal-WiFi4EU.

Il-buttuna "Ikkonferma l-installazzjoni tan-network" issir disponibbli ladarba l-WIC tkun issottomettiet ir-rapport tal-installazzjoni:






Wara l-approvazzjoni tar-rapport tal-installazzjoni, il-WIC tirċievi notifika dwar il-konferma tal-installazzjoni u l-paġna "Il-vawċer tiegħi" fuq il-profil tal-muniċipalità tiġi aġġornata kif xieraq:




## TALBA GĦAL REVIŻJONI

Muniċipalità tista' tirrifjuta r-rapport tal-installazzjoni u titlob lill-WIC biex tirrevedih. Il-Portal WiFi4EU se jibgħat notifika b'email awtomatika lill-WIC u jagħti r-raġuni għar-rifjut li tat il-muniċipalità. Jekk il-muniċipalità tirrifjuta r-rapport tal-installazzjoni, il-WIC tkun tista' temendah u tippreżentah mill-ġdid.

Jekk ir-rapport tal-installazzjoni jkun ġie ppreżentat bi żball, il-WIC għandha titlob lill-muniċipalità biex tirrifjutah. Jekk il-muniċipalità tkun għadha ma kkonfermatx ir-rapport tal-installazzjoni, dan jerġa' lura għand il-WIC għall-modifika billi tiġi kklikkjata l-buttuna "Talba għal reviżjoni":




Jekk il-muniċipalità tikklikkja fuq il-buttuna "Ikkonferma", il-WIC tirċievi email li tinnotifikaha bit-talba għal reviżjoni mill-muniċipalità:


My registration(s)
My application
My voucher
Registered Wi-Fi installation companies
My history
← Back
STATUS: THE WIFI INSTALLATION COMPANY THAT YOU SELECTED HAS COMPLETED AND SUBMITTED THE INSTALLATION REPORT
Municipality
Installation report confirmation
This page is used to list all the WiFi4EU networks as installed and completed by the WiFi installation company you have contracted.
Installation report request for revision
I hereby confirm the return of the installation report for revision to the WiFi installation company because of detected error or discrepancies.
Cancel
Confirm
List of all WiFi4EU networks
Number
Go to list
Request for revision
Confirm installation

## BIDLIET FIR-RAPPORT TAL-INSTALLAZZJONI

Matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-programm, xi parametri tekniċi inizjalment mimlija fir-rapport tal-installazzjoni jistgħu jinbidlu. Il-WIC ma jistax jimmodifika tali informazzjoni wara li r-rapport tal-installazzjoni jkun ġie approvat mill-muniċipalità.

Kwalunkwe talba għal modifika ta’ rapport ta’ installazzjoni approvat għandha tiġi rrappurtata lit-tim tal-WiFi4EU permezz ta’ email fuq INEA-CEF-WiFi4EU@ec.europa.eu.